# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 215 – Il-Ħamis, 7 ta' Jannar, 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fil-5:30pm

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 214 jkunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo issekonda.

Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### *2.1* *Ground* tal-*Football*

Is-Sindku qal li f'laqgħa li kellu mad-diriġenti tas-Siġġiewi Football Club, dawn stqarrew li huma kienu mill-ġdid interessati li jidħlu f'xi forma ta' ftehim mal-Kunsill biex waqt li l-Kunsill joħroġ madwar €40,000 mifruxa fuq medda ta' 8 snin, il-ground tal-football ikun jintuża, f'ħinijiet miftehma, kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-pubbliku.

Is-Sindku għalhekk, ippropona li l-Kunsill jerġa' jiltaqa' mad-diriġenti tas-Siġġiewi Football Club biex jintlaħaq qbil. Huwa stieden lill-Kunsilliera kollha biex jattendu din il-laqgħa.

F'dan l-istadju l-Kunsillier Jesmond Tanti kien se jirtira l-mozzjoni li kien ressaq dwar din il-materja.

### 2.2 Il-Festa ta' San Nikola

Il-Viċi-Sindku qal li wara konsultazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv kien qed ipoġġi fuq il-mejda proposta ta' kif għandhom jiġu l-kiosks (annessa). Din turi li l-kiosks tal-ikel fi Pjazza Vittmi tal-Gwerra jitneħħew u jitħallew biss kiosks li jbiegħu ġugarelli.

Il-kiosks tal-ikel jibdew minn Triq Nikola Saura fil-parti fejn m'hemmx residenzi u jkomplu fiż-żewġ naħat tas-*service road* tat-Triq Mons Mikiel Azzopardi. Il-kiosks li jarmaw fin-naħa tat-triq ikunu jistgħu ibiegħu biss min-naħa tas-*service road.*

Il-Viċi-Sindku ippropona li l-Kunsill jaċċetta din il-proposta.
Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2.3 Kollezzjoni tal-iskart imħallat u ħruġ ta' tender għal provvista ta' boroż griżi

Is-Segretarju qal li l-iskema bidet titħaddem sa mill-bidu tas-sena, u jidher li minkejja diversi problemi tal-bidu, bdiet taħdem sewwa.

## 3. FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

**3.2 Performance Bonus**

Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-*performance bonus* għal massimu li tippermetti l-liġi. Huwa ippropona wkoll li l-impjegati, jiġifieri Ms Ritienne Giorgino u Ms Maria Muscat jingħataw ukoll il-*performance bonus* għal massimu li tippermetti l-liġi.

Il-Vii-Sindku issekonda bil-Kunsill jaqbel b'mod unanimu.

## 4. KORRISPONDENZA

**1. Ittra mis-Segretarju tas-Siggiewi Brass Band**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni ittra miktuba mis-Segretarju tas-Siggiewi Brass Banda, is-sur Eusebio Buhagiar (annessa) u qal li kien wieġbu billi infurmah li kif il-kontijiet ikunu awditjati, ikun jista' jgħaddilu kopja.

**2. Tismija ta' Toroq**

Is-Segretarju qal li kienu irċieva talba mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq dwar diversi toroq biex il-Kunsill jissottometti proposti għal ismijiet ġodda. Dawn it-toroq huma:-

- Triq Ġdida  fi Triq Nicolo' Baldacchino
- Triq Ġdida fi Triq Blat-il Qamar
- Triq Ġdida fi Triq Lapsi
- Triq Ġdida fi Triq Mons Mikiel Azzopardi.

Kien hemm qbil li fis-seduta li jmiss jitressqu l-proposti u tittieħed deċiżjoni finali.

## 5. KUNTRATTI

**5.1 Servizz ta' Perit għall-iżvilupp taċ-Ċentru Ċiviku LCS 55/09**

Il-Viċi-Sindku qal li kienu ġew ippreżentati ħames offerti u kienu eżaminati mill-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru skont ir-riżoluzzjoni approvata mill-Kunsill waqt is-seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2009. Dan il-Kumitat ħejja rapport bid-dettalji sħaħ tal-offerti kif ukoll tal-evalwazzjoni tagħhom (anness). Il-Viċi Sindku spjega li fl-evalwazzjoni tiegħu l-Kumitat stabbilixxa liema mill-offerenti kien jissodisfa l-kundizzjonijiet kolllha tas-sejħa għall-offerti (Il-Periti Felice, Said u Vassallo Cesareo u l-Perit Valerio Schembri) u mbagħad għadda biex jara liema miż-żewġ offerenti li ssodisfaw il-kondizzjonijiet kollha, ippreżenta l-orħos offerta.

Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat wasal għall-konklużjoni li l-offerta tal-Periti Felice, Said u Vassallo Cesareo hija l-aktar waħda vantaġġjuża u għalhekk il-Kumitat irrakkomanda li l-Kunsill jilqa' din l-offerta.

Il-Viċi Sindku ppropona li abbażi tar-raġunijiet spjegati fir-rapport imħejji mill-Kumitat dwar il-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku, il-Kunsill għandu jilqa' l-offerta tal-Periti Felice, Said u Vassallo Cesareo. Is-Sindku issekonda din il-mozzjoni u l-Kunsill approva b'erba' (4) voti favur, u tliet (3) voti kontra.

Voti favur: (4) Robert Musumeci, Karol Aquilina, Joe Sammut u Mark Vassallo.
Voti Kontra: (3) Nicholas Casar, Rita Psaila u Jesmond Tanti.

**5.2 Supply of concrete LCS 48/09**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li minkejja diversi tentattivi Polidano Brothers kienu għadhom ma ġewx jiffirmaw il-kuntratt. Barraminnhek, diġà f'żewġ okkażjonijiet, il-ħaddiema tad-Distretti kellhom bżonn il-konkos, saret it-talba, u ma ġewx fornuti.

Is-Sindku qal li s-Segretarju għandu jagħmel tentattiv ieħor għal soluzzjoni u tittieħed deiżjoni f'seduta oħra.

**5.3 Public Conveniences LCS 21/07**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt kien se jittermina f'Mejju li ġej.
Is-Sindku ippropona li għandha toħroġ sejħa għall-offerta.
Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.4 Tender boroż għall-Waste Separation**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kien hemm l-ebda offerent għal din it-tender. Is-Sindku ippropona li din it-tender għandha terġa' toħrog.
Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6 ĦWEJJEĠ OĦRAJN

**6.1 Jum is-Siġġiewi**

Il-Viċi-Sindku ippropona li Jum is-Siġġiewi għandu jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd, 7 ta' Marzu u għandhom isiru diversi attivitajiet qabel li jinkludu wirja tal-arti u l-fotografija, seduta speċjali tal-Kunsill flimkien mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, żjarat lill-anzjani u persuni b'diżabilità, attivita' fl-iskola Primarja, żjara mill-mobile blood unit, quddiesa ta' radd il-ħajr, u ċerimonja tal-għoti tal-onorifiċenza.

Il-Viċi Sindku ppropona li jinħatar sotto-kumitat iffurmat mill-Kunsilliera Joe Sammut, Jesmond Tanti u ppresedut mill-Viċi-Sindku biex jieħdu ħsieb dawn l-attivitajiet. Il-Viċi Sindku qal ukoll li bil-permess tal-Kunsill kien ser javviċina numru ta' persuni mis-Siġġiewi sabiex jgħinu fl-organizazzjoni tal-attivitajiet.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 Dwal fi Triq ta' Kandja**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li din it-triq li qed issir dejjem aktar traffikuża u hija triq arterjali bejn is-Siġġiewi u l-Imqabba hija mdallma u għalhekk ippropona li għandna nibdew proċess mal-Enemalta biex jitwaħħlu aktar bozoz.

Is-Sindku isskekond u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara din is-seduta bħala magħluqa fis-7:00pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **il-Ħamis, 11 ta' Frar, 2010** fil-5:30pm**.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

Il-Perit Robert Musumeci
Sindku

Nikol Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv

Konfermati llum il-Ħamis, 11 ta' Frar, 2010